**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 24/2014**

**Maria Rosaria sive Rosie Tanti [KI 22964M] ghan-nom taghha u bhala mandatrici ta' Dorothy Cremona [KI 273762M] u ta' Marilyn Susan Tovey [KI M9550725]**

**vs**

**Giuseppa Mizzi [KI 226330M]**

**Illum 31 ta' Ottubru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

> Illi r-rikorrenti wirtu l-fond ossia dar tal-abitazzjoni bin-numru 14, Saint Leonard Street, Kirkop, hekk kif jidher mid-Dikjarazzjoni Causa Mortis quddiem in-Nutar Dottor Mario Bugeja tat-tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), liema

kuntratt juri illi Vincenza Cauchi li tigi omm Maria Rosaria sive Rosie Tanti u Benedetto Camilleri li jigi missier Marilyn Susan Tovey wirtu dan il-fond minn ghand missierhom, hawn anness bhala **DOK A1 sa A3 inkluzi**;

Illi l-fond numru 14, Saint Leonard Street, Kirkop, inkera lil Giuseppa Mizzi bhala residenza;

Illi l-intimata naqset milli thallas l-kera lir-rikorrenti mis-sena 2009 sallum il-gurnata nonostante l-kirja ta' Euros 185 li kellhom jithallsu kull 24 ta' Dicembru ta' kull sena mill-intimata, u li ilhom ma jithallsu mis-sena 2009 sallum il-gurnata;

Illi l-esponenti marru ukoll jivverifikaw fir-Registru tal-Qorti u ma hemm ebda skadenzi ta' kera ddepozitati fir-Registru tal-Qorti;

Illi r-rikorrenti ntavolaw ittra ufficjali fil-konfront ta' l-intimata siccome kienet moruza ta' gja zewg skadenzi ta' kera, bin-numru tal-ittra ufficjali 3659/2001 liema ittra giet intavolata nhar l-erbatax (14) ta' Novembru elfejn u hdax (2011) u li kopja ta' l-istess ittra ufficjali qieghda tigi hawn annessa bhala **DOK B;**

Illi l-intimata baqghet inadempjenti;

Illi skond l-Artikolu 9 tal-Kap 69, Ligijiet ta' Malta jekk il-kerrej ikun naqas milli jkun puntwali fil-hlas tal-kera cioè jekk dwar kull wahda minn zewg skadenzi jew izjed ma jkunx hallas il-kera fi zmien hmistax-il jum minn dak in-nhar, is-sid ikun jista jiehu lura l-pussess tal-fond;

Illi minbarra dan, l-intimata Giuseppa Mizzi ma tidhirx li ghadha tghix f'dan il-fond, u fil-fatt dan jinsab inabitat, tant li fir-registru elettorali ta' dawn l-ahhar tlett snin, cioè mis-sena 2011 sas-sena 2013, hija tidher imnizzla li qieghda f'Dar tax-Xjuh f'San Luqa gewwa San Vincenzo De Paule, kopji tar-Registru hawn annessi bhala **DOK C1 sa C6 inkluzi**;

Illi skond l-artikolu 1555A(2) tal-Kap 16, Ligijiet ta' Malta, meta l-inkwilin ma jibqax jabita fil-fond minhabba d-dipendenza totali fuq l-istituzzjoni kif certifikata mill-istess istituzzjoni jew kif jirrizulta mod iehor, s-sid ikun jista' jitlob il-hall tal-kirja;

Illi ghaldaqstant in vista tal-fuq premess, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripreza tal-fond 14, Saint Leonardo Street, Kirkop skond l-Artikolu 9 tal-Kap 69, u l-Artikolu 1555A tal-Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li dan l-Onorabbli Bord jidrilha xieraq u opportun fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Ra illi l-intimata giet nieqsa minghajr ma saritilha notifika tal-proceduri odjerni;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, ir-rikorrenti ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi u talbet sentenza u l-Bord stante li mill-atti jirrizulta li l-eredi tal-intimata qatt ma kellhom oggezzjoni ghar-ripreza ta' dan il-fond, halla l-kawza ghas-sentenza;

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015, ma deher hadd mill-partijiet, u l-kawza regghet thalliet ghas-sentenza quddiem il-Bord diversament presedut.

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qed jitolbu illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripreza tal-fond 14, Saint Leonardo Street, Kirkop, stante non uso u skond l-Artikolu 9 tal-Kap 69, u l-Artikolu 1555A tal-Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-intimata.

Illi l-intimata qatt ma giet notifikata bil-procedura odjerna stante illi mietet fil-mori tan-notifika.

Illi l-atti ghalhekk gew notifikati lill-eredi prezunti taghha.

Illi fid-29 ta' Ottubru 2014, wahda mill-eredi Carmela Mizzi prezentat nota fl-atti tal-kawza, a folio 34, fejn infurmat lill-Bord illi hija kienet irrinunzjat ghall-wirt tal-intimata.

Illi fl-20 ta' Jannar 2015, giet prezentata nota ohra fl-atti tal-kawza, a folio 39 tal-process, minn Benedict Mizzi fejn iddikjara li m'ghandu ebda interess illi jkompli l-kawza u li, sa fejn jaf hu, din hija wkoll il-posizzjoni tal-eredi l-ohra.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma giet kontestata bl-ebda mod.

Illi mill-provi prodotti t-talba tar-rikorrenti tirrizulta pruvata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' tletin jum mil-lum. Fic-cirkustanzi spejjez jibqghu bla taxxa.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur